**MINUTI LAQGĦA URĠENTI NUMRU 62**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

Il-Ħamis, 6 ta' April, 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum il-Ħamis, 6 ta' April, 2023, fl-1740 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 62.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

62.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġiji.

## 62.2 Żvilupp fi Triq il-Wardija

62.2.1 Din il-laqgħa ssejħet peress li aktar kmieni fl-istess jum, il-Kunsill irċieva porposta mingħand is-Sur Mark Agius fir-rigward tal-iżvilupp li qed isir fi Triq il-Wardija. Il-Kontenut tal-proposta kien li (a) l-isviluppatur jirtira 'l ġewwa n-naħa tal-bini li hemm imiss ma Triq il-Wardija, u (b) jiddiskuti kontribuzzjoni "ex gratia" favur il-Kunsill Lokali Qala biex id-differenzi li hemm bejn Kunsill u żviluppatur jiġu ssetiljati (Ara **Appendiċi 1**).

62.2.2 Is-Sindku qal li, meta kien ha jibda l-bini ġie nnutat li l-ewwel sular kien biss 3 filati 'il fuq mil-livell tat-tirq. Hu mar jara u n-nies ilmentaw li l-armar ta' dan il-bini kien qed

jixref 'il barra għat-triq. Il-ħaddiema kienu barranin. Is-Sindku mar jagħmel rapport mat-taqsima tal-enforcement biex jiġu malajr kemm jista' jkun u tiġi deċiża fejn hi l-linja. Għal din il-laqgħa ġiet mara u żewġ *trainees*. Waqt din il-laqgħa, il-mara bdiet iċċempel ħafna dravi.

62.2.3 Is-Sindku pprova jikkuntattja lil Perit Bigeni, imma dan infurmah li ma kienx għadu jaħdem fuq dan il-proġett.

62.2.4 L-Awtorita' tal-Ippjanar wiegħdu risposta. Minn dak inhar 'l hawn, il-Kunsill qatt ma ingħata risposta dwar fejn suppost għanda tkun il-linja. Dak inhar tas-seduta tal-appell, irċieva tweġiba bit-telephone.

62.2.5 Dan il-każ qed joħloq problem kbar. Trakkijiet imdaqqsa bħal taż-żibel u tal-gas ma jistgħux jgħaddu. Is-Sindku qal li mhux lest jagħmel *double yellow line* biex ipaxxi lill-iżviluppatur.

62.2.6 Is-Sindku qal li dal-każ tellgħu fuq *facebook live* u l-pressjoni ħalliet impatt għax dalgħodu l-Kunsill irċievejna din l-email.

62.2.7 Is-Sindku qal li jaqbel biss mal-irtirar tal-linja. Ma jridx flus mingħand l-isviluppatur għax in-nies malajr jgħidu li inxtara.

62.2.8 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li jekk xħin jidħol, it-triq tkun wiesa' biżżejjed, allura hu jkun jaqbel li l-bini jirtira lura. Qal li ma jistax jifhem il-parti tad-*donation*, u ssuġġerixxa li fil-każ id-donazzjoni tmur lejn xi għaqda tar-raħal.

62.2.9 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li taqbel li l-linja tal-bini tiġi rtirata lura; imma tara l-proposta għal donazzjoni tagħhom bħala suspettuża. Qalet li taqbel li naraw id-donation tmurx a favur ta' xi għaqda.

62.2.10 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li jaqbel li tiġi rtirata l-linja u li l-gallariji jridu jkunu mal-linja.

62.2.11 Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li jaqbel li l-linja tal-bini tiġi rtirata lura, imma nagħmluwa ċara li anke l-gallariji jridu jkunu minn din il-linja 'l ġewwa. Issuġġerixxa li l-proposta tiġi valutata minn perit. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li l-Kunsill ma jistax jaċċetta kontribuzzjonijiet mingħand żviluppaturi, iżda jekk il-kuntrattur jixtieq jagħti kontribuzzjoni lil Qala hemm diversi modi u għaqdiet fejn jista' jagħmel dan.

62.2.12 Il-Kunsilliera qablu li titqabbad Dr Claire Bonello biex tħejji tweġiba lill-isviluppaturi fejn jingħad li l-Kunsill qed jaqbel li l-bini jiġi rtirat lura imma mhux interessati f'kontribuzzjonijiet.



PB LC

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

## 62.3 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

62.3.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-6:42pm. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar it-Tnejn, 27 ta' Marzu 2023, fl-4:30pm.

Paul Buttigieg
Sindku

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt